Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10398 – DNB / DANSKE BANK / OP / SB1 / EIKA / BALDER / VIPPS / MOBILEPAY / PIVO)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 255/08)

1. Fis-27 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Vipps AS ("Vipps", in-Norveġja),

— DNB Bank ASA ("DNB", in-Norveġja),

— Sparebank 1 Betaling AS ("SB1", in-Norveġja),

— Eika VBB AS ("Eika", in-Norveġja),

— Balder Betaling AS ("Balder", in-Norveġja),

— MobilePay A/S ("MobilePay", id-Danimarka), proprjetà kollha kemnm hi u kkontrollata minn Danske Bank A/S ("Danske Bank", id-Danimarka),

— Pivo Wallet OY ("Pivo", il-Finlandja), parti mill-OP Group ikkontrollat minn OP Osuuskunta ("OP", il-Finlandja).

Vipps, MobilePay u Pivo se jiġu kkombinati f'entità ġdida, u DNB, SB1, Eika, Balder, Danske Bank u OP jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-entità li għadha kif inħolqot.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Vipps hija fornitur ta' servizzi ta' ħlas mobbli fin-Norveġja. Vipps toffri servizzi ta' pagament adattati għal varjetà ta' sitwazzjonijiet differenti ta' pagament, inklużi pagamenti minn persuna għal persuna (person-to-person, "P2P"), pagament fuq il-post (payment on site, "POS"), fatturi u pagamenti online (Kummerċ elettroniku),

— MobilePay tipprovdi servizzi ta' pagament fid-Danimarka li joffru servizzi ta' pagament mobbli adattati għal varjetà ta' sitwazzjonijiet differenti ta' pagament, inklużi POS, P2P, fattura u Kummerċ elettroniku,

— Pivo toffri servizzi ta' ħlas fil-Finlandja. Pivo toffri servizzi ta' ħlas għal P2P, ħwienet online, apps u POS,

— DNB huwa bank ta' servizz sħiħ u l-kumpanija prinċipali tad-DNB Group u huwa kkwotat fil-Borża ta' Oslo. Id-DNB Group jipprovdi servizzi bankarji, ta' investiment, ta' assikurazzjoni, ta' ġestjoni tal-assi u ta' proprjetà immobbli lil klijenti mhux professjonali, klijenti korporattivi u s-settur pubbliku,

— SB1 hija kumpanija azzjonista li bħalissa hija proprjetà ta' 14-il bank Norveġiż indipendenti bl-isem "Sparebank 1" li jikkooperaw fuq pjattaforma komuni u b'marka komuni,

— Eika hija kumpanija azzjonista li hija parti mill-Eika Alliance, alleanza li bħalissa tikkonsisti minn 63 bank Norveġiż indipendenti,

— Balder hija kumpanija azzjonista li bħalissa hija proprjetà ta' 13-il bank Norveġiż indipendenti,

— Danske Bank hija kumpanija ta' servizzi finanzjarji bbażata fin-Nordiċi inkorporata fid-Danimarka. Danske Bank huwa bank ta' servizz sħiħ li jipprovdi servizzi bankarji lill-konsumaturi u bl-ingrossa, skema tal-pensjoni, assikurazzjoni tal-ħajja, finanzjament ipotekarju, ġestjoni tal-assi, senserija, servizzi ta' proprjetà immobbli u lokazzjoni lil konsumaturi, klijenti korporattivi, u s-settur pubbliku,

— OP hija l-kooperattiva ċentrali ta' grupp Finlandiż ta' servizzi finanzjarji. OP tikkonsisti minn 118-il bank kooperattiv tal-OP u l-kooperattiva ċentrali li huma sidien tagħha, inklużi s-sussidjarji u l-entitajiet affiljati tagħha. OP tipprovdi servizzi bankarji, ta' investiment, ta' assikurazzjoni, ta' ġestjoni tal-assi u ta' proprjetà immobbli lil konsumaturi u lil klijenti korporattivi.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10398 - DNB / DANSKE BANK / OP / SB1 / EIKA / BALDER / VIPPS / MOBILEPAY / PIVO

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË